# ID-DILLUVJU KIEN MAD-DINJA KOLLHA?

Sa ftit snin ilu qatt ma għaddiet minn rasna mistoqsija bħal din, għax dejjem konna naħsbu li d-dilluvju għarraq id-dinja kollha kemm hi. Iżda l-lum li bdejna nitfarfru xi ftit fit-tagħlim u sirna nafu kemm hi kbira l-art u kemm hu kbir il-baħar, kemm huma għoljin l-iġbla u kemm huma għoljin l-ibħra, kif issir ix-xita u kif iddub mill-art, kemm hawn ġnus ta' bhejjem u ta' tjur, kif igħixu u fejn igħammru, il-lum li nafu dan kollu nistaqsu: Kif jista' jkun li d-dilluvju għarraq id-dinja kollha?

Naqraw fil-Kotba Mqaddsa li qabel id-dilluvju Noê ħadem arka kbira, li kienet madwar 450 pied twila, 75 pied wiesgħa u 45 pied għolja. Fiha daħal hu u l-familja tiegħu, u daħħal miegħu żewġ minn kull ġens ta' bhejjem u żewġ minn kull ġens ta' tjur. Damet nieżla x-xita erbgħin jum. L-ilma għatta l-iġbla kollha kemm huma u għola 22 pied fuqhom. U mietu l-bhejjem tal-art kollha. Wara sena l-ilma tad-dilluvju kien nixef u Noê ħareġ mill-arka (Ktieb il-Ġenesi 6,12-8,22).

Dan tgħidilna l-Iskrittura. U x'igħidilna t-tagħlim tal-ħolqien? Igħidilna li l-għoli tal-iġbla hu bil-bosta akbar mill-għoli tal-baħar; il-muntanja Everest hi għolja xi 28,000 pied, u għalhekk l-ilma kollu tal-baħar, tax-xmajjar, tal-għadajjar, tal-widien mhux biż-żejjed biex igħatti l-art kollha u jogħla 22 pied fuq l-ogħla iġbla. Igħidilna wkoll li dak l-ilma kollu kien irid żmien aktar twil biex idub minn fuq l-art. Iżjed: xita qawwija li ddum 40 jum nieżla dejjem fuq wiċċ l-art kollha kemm hi ma taqbelx mal-liġijiet tal-pressjoni tal-arja.

Hwejjeġ oħra jgħallimna l-ħolqien. Nafu l-lum li fuq l-art hawn eluf u eluf ta' ġnus ta' bhejjem u ta' tjur. Jekk Noê kellu jdaħħal żewġ minn kull ġens, l-arka ma kenitx tesagħhom; u barra mill-bhejjem Noê kellu jdaħħlilhom l-għalf għal żmien twil. Terġa': x'uħud mill-bhejjem igħixu biss fis-silġ, oħrajn biex igħixu jridu sħana li tikwi. Kif jista' jkun li bhejjem bħal dawn jitlaqqgħu taħt sema wieħed, f'art u la kiesħa u l-anqas sħuna? U kif reġgħu marru lura lejn arthom u marru saħansitra fuq il-gżejjer fejn insibuhom il-lum? Dan kollu, jekk ma jidħolx driegħ Alla, b'saħħet il-ħolqien ma sata' jsir qatt.

Mela l-Iskrittura tgħidilna ħaġa b'oħra? Le. Niftakru li l-Iskrittura miktuba mill-bnedmin u għall-bnedmin, u għalhekk hi miktuba kif jitħaddtu u kif jiftiehmu l-bnedmin. Issa bosta drabi, aħna u nitħaddtu, ngħidu: *kollox*, *kollha*, *kull-ħadd*, biex infissru biss għadd kbir; hekk meta ngħidu: *l-aħbar*

*xterdet ma' Malta kollha*, ma nifhmux ngħidu li n-nies kollha kemm huma, sal-inqas u sal-iżgħar wieħed, semgħu bl-aħbar, iżda li għadd kbir ta' nies semgħu b'dik l-aħbar. Hekk ukoll fil-Kotba Mqaddsa ġie li nsibu kliem bħal dan: *l-art kollha* li ma għandhomx it-tifsir li għandhom fihom infushom. La darba hu hekk seta' Mosê, hu u jikteb il-ġrajja tad-dilluvju, igħid li d-dilluvju għarraq id-dinja kollha biex ifisser li d-dilluvju għarraq biċċa kbira mid-dinja, jew dik il-biċċa li dak iż-żmien kienet imgħammra bin-nies.

Din hi l-fehma tal-aqwa u tal-aħjar għorrief insara, jiġifieri, d-dilluvju ma xteridx mad-dinja, iżda ma' dik in-naħa biss li kienet imgħammra. U dak iż-żmien aktarx li l-bnedmin kien għadhom ma xterdux wisq, iżda kien għadhom igħammru fl-artijiet tal-Armenja u tal-Mesopotamja, mhux bgħid wisq minn fejn kien maħluq l-ewwel bniedem.

G. Theuma

*Kull ma kiteb hawn G. Theuma jaqbel f'kollox mat-tagħlim tal-għorrief kattolċi.*

Prof. P. P. Saydon